GOVERNMENT OF MALTA
OFFICE OF THE DEPUTY PRIME MINISTER AND
MINISTRY FOR HEALTH

DH 915/2026

HR/ODPM/4/2026

Diviżjoni tal-People Management
Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa
15, Palazzo Castellania
Triq Merkanti
Valletta, VLT 1171

Data: 26 ta’ Ġunju 2026

**Lill-iStaff Nurses, Psychiatric Mental Health Nurses u l-Midwives kollha**

**Competency Framework and Evaluation Programme għall-istaff Nurses, Psychiatric Mental Health Nurses u Midwives li jwassal għall-post ta’ Senior Staff Nurse JEW Senior Psychiatric Mental Health Nurse JEW Senior Midwife fis-Servizz Publiku ta’ Malta**

**Preambolu**

1.1 B'konformità mall-Ftehim Settorjali li jappartjeni għall-Klassi tal-Infermiera u Qwiebel impjegati fis-Servizz Pubbliku ffirmat fil-25 ta' Settembru 2023,Id-Direttur Ġenerali (People Management), Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa tistieden applikazzjonijiet minn Uffiċċjali Pubbliċi fis- Servizz Pubbliku ta' Malta li huma fil-grad ta' Staff Nurse jew Psychiatric Mental Health Nurse jew Midwife biex jissottometti applikazzjoni biex iwettqu l-Competency Framework and Evaluation Programme bl-għan li jiġu promossi għall-grad ta' Senior Staff Nurse JEW Senior Psychiatric Mental Health Nurse JEW Senior Midwife fi Skala ta' Salarju 8.

1.2 Id-dmirijiet ta’ Senior Staff Nurse / Senior Psychiatric Mental Health Nurse/ Senior Midwife huma spjegati f’Anness 'A'.

**Rekwiżiti ta'eliġibbiltà**

2.1 Soġġett jekk ikunu qdew dmirijiethom b'mod sodisfaċenti, **sal - Ġimgħa 26 ta Ġunju 2026**, l- applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi:

**JEW**

(2.1.1) fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse / Midwife fi Skala ta' Salarju 9 li huma fil-pussess ta' Degree f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS krediti jew ekwivalenti) f'Nursing / Midwifery jew ekwivalenti, jew ikunu ġew approvati mill-Università għall-għoti ta' dak id-degree, **U** li għandhom mill-inqas ħames (5) snin servizz ta' nursing/midwifery sodisfaċenti fil-grad.

**JEW**

(2.1.2) fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse / Midwife fi Skala ta' Salarju 9 li huma fil-pussess ta' Diploma f'Livell 5 tal-MQF jew ekwivalenti (suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS krediti) f'Nursing / Midwery, U li għandhom għaxar (10) snin servizz ta' nursing/midwifery sodisfaċenti fil-grad **U** fil-pussess ta' Warrant.

***Applikanti li għadhom ma għandhomx warrant iridu japplikaw mal-Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel u jissottomettu konferma tal-eliġibilità tagħhom. Applikanti kkonfermati bħala eliġibbli għall-warrant, iżda li għadhom ma rċevewx id-dokument uffiċjali jkollhom l-eliġibilità tagħhom soġġetta għas-sottomissjoni tal-warrant sad-data tal-ħatra tagħhom***

**JEW**

(2.1.3) fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse fi Skala ta' Salarju 9 fil-Pussess ta EN-SN Conversion Course b'minn tal-inqas għaxar (10) snin servizz fil-klassi, li tlieta (3) minnhom għandhom ikunu servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse.

**JEW**

(2.1.4) fil-grad ta' Staff Nurse / Psychiatric Mental Health Nurse / Midwife fil-pussess ta' Masters Degree xieraq f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 ECTS krediti jew ekwivalenti) jew ogħla, jew ikunu ġew approvati mill-Università għall-għoti ta' dak id-degree, U li għandhom sentejn (2) servizz nursing/midwifery sodisfaċenti fil- grad.

**Kwalifika ta' Mastersrikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l- 2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill- MQRIC jew l-Universita' ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.*

**JEW**

(2.1.5) eliġibbli fis-sejħa preċedenti li ma jkunux temmew b'suċċess il-Competency Framework and Evaluation Programme.

**Rekwiżiti tal-lingwa**

(2.2.1) Kandidati li huma barranin jew ma jitkellmux bil-Malti xorta jiġu kkunsidrati, iżda għandhom ikunu fil-pussess tal-Award fil-Malti Mediku għall-Ħaddiema Kliniċi – Livell 2, ipprovdut minn Jobsplus, jew tal-Malti Mediku għall-Professjonisti tal-Kura tas-Saħħa – Livell 2, ipprovdut mill-Università ta' Malta. Jekk impjegat jiġi promoss mingħajr ma jkollu xi wieħed minn dawn l-awards/ċertifikati, il-persuna maħtura trid tikseb wieħed minnhom qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien sena (1) mill-ħatra. Nuqqas ta' dan iwassal għall-irtirar tal-ħatra.

(2.2.2) Kandidati li għandhom Ċertifikat ta' Livell Ordinarju tal-Malti fil-grad 5/C jew aħjar huma eżentati mir-rekwiżit fil-klawżola 2.2.1

(2.2.3) Kull spiża relatata mal-kors u l-valutazzjoni għandha titħallas mill-kandidati prospettivi magħżula. Madankollu, dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati permezz tal-Iskema ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (CPD)

**Proċedura tal-Għażla**

3.1 Applikanti jiġu assessjati biex tiġi ddeterminata l-eliġibilità tagħhom għall-post. Ladarba jitqiesu eliġibbli, l-applikanti għandhom jissottomettu:

1. tliet (3) koppji stampati (b'spiral binding) tal-Competency Framework and Evaluation Programme Self Assessment kompluta;

   **U**

2. kopja elettronika permezz tal-imejl fuq icf.health@gov.mt, issavjajt bl-ISEM_KULJOM_ENTITA_SALA/CLINIC

lid-Direttorat tas-Servizzi tal-Infermiera u l-Qwiebel, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal – Ġimgħa, 26 ta' Novembru 2026.

3.2 L-applikanti jistgħu jaċċessaw l-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tal-Qafas tal-Kompetenza u l-Programm ta' Evalwazzjoni flimkien ma' dokumenti ta' gwida addizzjonali fuq il-websajt tad-Direttorat tas-Servizzi tal-Infermiera u l-Qwiebel fuq: https://nursing.gov.mt/en/competency-framework-evaluation-programme

3.3 Id-dokumenti sottomessi jiġu riveduti mill-Bordijiet ta' Evalwazzjoni maħtura segwiti b'intervista. L-applikanti huma avżati biex jiċċekkjaw l-imejls tagħhom regolarment peress li dan huwa kif il-Bord tal-Evalwazzjoni jikkomunika matul il-proċess ta' evalwazzjoni / intervista.

**Pubblikazzjoni tar-riżultati.**

4.1 Ir-riżultati jigu ppubblikati fuq il-bord tan-notifiki tal-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru għas-Saħħa u l-entità rispettiva.

**Sottomessjoni tal-applikazzjoni**

5.1. Applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni mimlija kif dovut li tikkonsisti minn:

1. kopja taċ-ċertifikat tal-ogħla kwalifika (Diploma, Degree, Masters or EN-SN Conversion) disponibbli msemmi f'Paragrafu 2 hawn fuq **U**
2. Kopja tal-warrant (Liċenzja tal-President) biss għall-applikanti li għandhom kwalifika ta' Diploma msemmija fil-paragrafu 2.1.2 **U**
3. Kopja taċ-ċertifikat tal-Malti Livell 2, jekk disponibbli u fejn hu applikabbli.

5.2 Applikazzjonijiet, inkluż id-dokumenti elenkati hawn fuq, għandhom jiġu sottomessi għall- attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171 permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l- indirizz: https://recruitment.gov.mt. L- applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae aggornata (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-post tax-xoghol kurrenti) li għandu jintbagħat permezz tal-Portal.

5.3 Fil- kaz ta' Uffiċjali Pubbliċi, il- GP47 għandha tintalab mill-HR Unit tal-Ministeru / Dipartiment li joħroġ s-sejħa għall-applikazzjonijiet. Id-data tal-għeluq tal- applikazzjonijiet hija **13:30 hrs (Ħin Ċentrali Ewropew) tat – Tnejn, 13 ta' Lulju, 2026**. Ittra elettronika ġenerata mill- kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal- applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

5.4 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

5.5 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

5.6 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

5.7 Il-websajt u l-indirizz elettroniku tal-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru għas-saħħa huma https://sahha.gov.mt u recruitment.health@gov.mt.

**Provvedimenti ġenerali oħrajn**

Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita`
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki
- pubblikazzjoni tar-riżultat
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati billi taċċessa l-websajt tal-People and Standards Division fl-indirizz https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf jew jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-Ġestjoni tan-Nies, l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Ms. Maureen Mahoney
Direttur Ġenerali (People Management)
f/Segretarju Permanenti

Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa